**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0018/2024**

31.1.2024

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lir-Repubblika Franċiża biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi Ftehim internazzjonali dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal
(COM(2023)0328 – C9-0205/2023 – 2023/0192(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Petar Vitanov

(Proċedura simplifikata – Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura)

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........13

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........14

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI DWAR IL-BAŻI ĠURIDIKA ..........15

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........20

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lir-Repubblika Franċiża biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi Ftehim internazzjonali dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal (COM(2023)0328 – C9-0205/2023 – 2023/0192(COD))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0328),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0205/2023),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi ġuridika proposta,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2019[1],– wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 52, 59 u 40 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0018/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u |

[1] ĠU C, 2023/879, 8.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/879/oj.

| | |
|---|---|
| b'mod partikolari l-Artikolu ***2(1) u l-Artikolu*** 91 tiegħu, | b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu, |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) ***Peress*** li n-negozjati bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni ***s'issa ma wasslu*** għall-ebda ftehim sodisfaċenti għaż-żewġ Partijiet, permezz tal-ittra tat-23 ta' Marzu 2023 ir-Repubblika Franċiża wriet l-intenzjoni tagħha li tinnegozja u tikkonkludi Ftehim differenti. | (4) ***Ħareġ ċar*** min-negozjati ***bejn Franza u r-Renju Unit li ftehim*** skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dik id-deċiżjoni ***mhux ser iwassal*** għal ftehim sodisfaċenti għaż-żewġ Partijiet***. Għalhekk,*** permezz ta' ittra tat-23 ta' Marzu 2023 ir-Repubblika Franċiża wriet l-intenzjoni tagħha li tinnegozja u tikkonkludi ftehim differenti. ***Għalhekk qed jiġi propost għoti ta' setgħa alternattiv.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Ftehim internazzjonali ma' pajjiż terz dwar is-sikurezza ferrovjarja u ***l-interoperabilità*** ferrovjarja f'sitwazzjonijiet transfruntieri x'aktarx li jaffettwa qasam li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa kopert mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mid-Direttivi (UE) 2016/798[9] u (UE) 2016/797, u r-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk, kwalunkwe Ftehim bħal dan jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw ***u*** jikkonkludu tali Ftehim biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex jagħmlu dan. Peress li l-Ftehim jikkonċerna oqsma koperti mid-dritt eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tat- | (5) Ftehim internazzjonali ma' pajjiż terz dwar is-sikurezza ferrovjarja u ***l-interoperabbiltà*** ferrovjarja f'sitwazzjonijiet transfruntieri x'aktarx li jaffettwa qasam li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa kopert mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mid-Direttivi (UE) 2016/798[9] u (UE) 2016/797, u r-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Għalhekk, kwalunkwe Ftehim bħal dan jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw***, jew*** jikkonkludu tali Ftehim biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex jagħmlu dan. Peress li l-Ftehim jikkonċerna oqsma koperti mid-dritt eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tat- |

| | |
|---|---|
| trasport, jeħtieġ li t-tali setgħa tingħata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu 91 tat-TFUE. | trasport, jeħtieġ ***ukoll*** li t-tali setgħa tingħata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu 91 tat-TFUE. |
| [9] Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (riformulazzjoni), ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102 | [9] Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (riformulazzjoni), ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102 |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Meta wieħed iqis ***il-uniċità*** tal-Kollegament Fiss tal-Kanal bħala kollegament ferrovjarju li jinvolvi struttura tal-inġinerija waħdanija u kumplessa li tinsab parzjalment fit-territorju tar-Repubblika Franċiża u parzjalment f'pajjiż terz, jixraq li ***r-Repubblika Franċiża tiġi awtorizzata li*** tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi Ftehim internazzjonali mar-Renju Unit ***biex tiġi żgurata l-applikazzjoni*** ta' regoli koerenti dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal, kif ukoll biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza Franċiża, jiġifieri l-Etablissement Public de Sécurité Ferroviaire ("EPSF") u l-awtorità tas-sikurezza nazzjonali tar-Renju Unit, jiġifieri l-Office of Rail and Road ("ORR"). | (6) Meta wieħed iqis ***il-pożizzjoni speċjali*** tal-Kollegament Fiss tal-Kanal bħala kollegament ferrovjarju li jinvolvi struttura tal-inġinerija waħdanija u kumplessa li tinsab parzjalment fit-territorju tar-Repubblika Franċiża u parzjalment f'pajjiż terz, jixraq li ***Franza tingħata s-setgħa*** tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi Ftehim internazzjonali mar-Renju Unit ***fir-rigward tal-applikazzjoni*** ta' regoli koerenti dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal, kif ukoll biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni bejn l-awtorità nazzjonali tas-sikurezza Franċiża, jiġifieri l-Etablissement Public de Sécurité Ferroviaire ("EPSF") u l-awtorità tas-sikurezza nazzjonali tar-Renju Unit, jiġifieri l-Office of Rail and Road ("ORR"). |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex jitqiesu l-bidliet possibbli tad-dritt tal-Unjoni fil-ġejjieni, b'mod partikolari d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, il-Ftehim jenħtieġ li jipprevedi wkoll ir-regoli għall-emendar tiegħu. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tawtorizza lir-Repubblika Franċiża temenda l-Ftehim f'konformità mal-proċedura emendatorja stabbilita fih, ***sabiex tadattah għall-bidliet*** fid-dritt tal-Unjoni. | (11) Sabiex jitqiesu l-bidliet possibbli tad-dritt tal-Unjoni fil-ġejjieni, b'mod partikolari ***tar-Regolament (UE) 2016/796 u*** d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, il-Ftehim jenħtieġ li jipprevedi wkoll ir-regoli għall-emendar tiegħu. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tawtorizza lir-Repubblika Franċiża temenda l-ftehim f'konformità mal-proċedura emendatorja stabbilita fih, ***dment li dawn l-emendi jkunu limitati għal adattamenti biex jirriflettu bidliet*** fid-dritt tal-Unjoni. |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) ***Fid-dawl tal-iżviluppi possibbli fil-ġejjieni***, ***dan l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għas-setgħa*** mogħtija mill-Unjoni fid-Deċiżjoni (UE) 2020/1531, | (12) ***Fl-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li r-Repubblika Franċiża tingħata wkoll is-setgħa li tinnegozja emendi ulterjuri għall-ftehim konkluż abbażi ta' din is-setgħa***, ***u b'hekk ikunu riflessi l-kundizzjonijiet previsti fid-Deċiżjoni (UE) 2020/1531. Jenħtieġ għalhekk li s-setgħa*** mogħtija mill-Unjoni fid-Deċiżjoni (UE) 2020/1531, ***tibqa' valida sa fejn il-ftehim konkluż abbażi tas-setgħa attwali jista' jiġi emendat biex jirrifletti l-kundizzjonijiet previsti f'dik id-deċiżjoni.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Repubblika Franċiża tingħata s-setgħa li tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi Ftehim internazzjonali mar-Renju Unit dwar ir- | ***Din id-Deċiżjoni b'dan tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom ir-Repubblika Franċiża*** tingħata s-setgħa li tinnegozja, |

| | |
|---|---|
| rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-EPSF u l-ORR ("il-Ftehim"). | tiffirma u tikkonkludi ***u fil-futur temenda*** ftehim internazzjonali mar-Renju Unit dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-EPSF u l-ORR ("il-Ftehim"). |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-għoti tas-setgħa huwa soġġett*** għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' din id-Deċiżjoni. | ***Dan il-ftehim għandu jikkonforma*** mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 2 u 3 ta' din id-Deċiżjoni. |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jitlestew in-negozjati, ir-Repubblika Franċiża għandha tippreżenta l-abbozz tal-Ftehim li jirriżulta minnhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'dan. | Meta jitlestew in-negozjati, ir-Repubblika Franċiża għandha tippreżenta l-abbozz tal-Ftehim li jirriżulta minnhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***minnufih*** lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'dan. |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fi żmien xahar min-notifika tal-abbozz tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 2 humiex issodisfati. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li huma ssodisfati, ir-Repubblika Franċiża tista' tiffirma u | Fi żmien xahar min-notifika tal-abbozz tal-ftehim, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar jekk ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 2 humiex sodisfatti ***u għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'dan.*** Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li huma ssodisfati, ir-Repubblika |

| | |
|---|---|
| tikkonkludi l-Ftehim korrispondenti. | Franċiża tista' tiffirma u tikkonkludi l-Ftehim korrispondenti. |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Soġġetta għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, ir-Repubblika*** Franċiża tingħata s-setgħa li ***temenda*** l-Ftehim, f'konformità mal-proċedura ***li għandha tiġi stabbilita fih***, ***sabiex*** tadattah għall-bidliet fid-dritt tal-Unjoni fil-ġejjieni, u b'mod partikolari għall-emendi tar-Regolament (UE) 2016/796 u d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, dment li l-emendi ta' dak il-Ftehim ikunu meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni kompleta, korretta u rapida tad-dritt tal-Unjoni fil-parti tal-Kollegament Fiss tal-Kanal li taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha. | 1. ***Ir-Repubblika*** Franċiża tingħata s-setgħa li ***tinnegozja emendi għall-Ftehim***, f'konformità mal-proċedura ***definita fil-paragrafi [2 u 3] ta' dan l-Artikolu***, ***dment li dawn l-emendi jkunu meħtieġa biex jiġi adattat*** għall-bidliet fid-dritt tal-Unjoni fil-ġejjieni, u b'mod partikolari għall-emendi tar-Regolament (UE) 2016/796 u d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, dment ***ukoll*** li l-emendi ta' dak il-Ftehim ikunu meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni kompleta, korretta u rapida tad-dritt tal-Unjoni fil-parti tal-Kollegament Fiss tal-Kanal li taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha. |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ir-Repubblika Franċiża għandha wkoll tingħata s-setgħa li tinnegozja aktar emendi għall-Ftehim, f'konformità mal-proċedura definita fil-paragrafi [2 u 3] ta' dan l-Artikolu, sabiex dak il-ftehim jikkonforma mal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/1531.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-Repubbblika Franċiża għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata b'mod regolari dwar kwalunkwe negozjati mar-Renju Unit rigward l-emendi tal-Ftehim u, fejn ikun xieraq, tistieden lill-Kummissjoni tipparteċipa bħala osservatur. Ir-Repubbblika Franċiża għandha tippreżenta l-emendi previsti lill-Kummissjoni flimkien ma' nota ta' spjegazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'dan. Ir-Repubbblika Franċiża għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar l-emendi previsti li tintalab mill-Kummissjoni. | 2. Ir-Repubbblika Franċiża għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata b'mod regolari dwar kwalunkwe negozjati mar-Renju Unit rigward l-emendi tal-Ftehim u, fejn ikun xieraq, tistieden lill-Kummissjoni tipparteċipa bħala osservatur. Ir-Repubbblika Franċiża għandha tippreżenta l-emendi previsti lill-Kummissjoni flimkien ma' nota ta' spjegazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma ***minnufih*** lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'dan. Ir-Repubbblika Franċiża għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali dwar l-emendi previsti li tintalab mill-Kummissjoni. |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fi żmien [tliet] xhur min-notifika tal-emenda prevista u n-nota ta' spjegazzjoni li takkumpanjaha, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 2 humiex issodisfati. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li huma ssodisfati, ir-Repubblika Franċiża tkun tista' tipproċedi bl-emenda tal-Ftehim. Kopja tal-Ftehim emendat għandha tingħata lill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tal-emenda, jew, meta l-emenda trid tiġi applikata proviżorjament, fi żmien xahar mill-bidu tal-applikazzjoni proviżorja tagħha. | 3. Fi żmien [tliet] xhur min-notifika tal-emenda prevista u n-nota ta' spjegazzjoni li takkumpanjaha, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni dwar jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u fl-Artikolu 2 humiex issodisfati. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li huma sodisfatti, ***il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew b'dik id-deċiżjoni, u*** r-Repubblika Franċiża tista' tipproċedi bl-emenda tal-ftehim. Kopja tal-Ftehim emendat għandha tingħata lill-Kummissjoni fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ tal-emenda, jew, meta l-emenda trid tiġi applikata proviżorjament, fi żmien xahar mill-bidu tal-applikazzjoni |

provizorja tagħha.

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Din*** id-Deċiżjoni ***hija mingħajr preġudizzju tad-Deċiżjoni*** (UE) 2020/1531. | Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1531 ***tibqa' applikabbli sal-punt imsemmi fl-Artikolu 5(1a)***. |

## NOTA SPJEGATTIVA

Iċ-Channel Fixed Link hija struttura ta' inġinerija transfruntiera kumplessa bejn it-territorju tal-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit u, b'mod speċjali wara l-Brexit, teħtieġ regoli koerenti dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà ferrovjarja li jkopru t-tul kollu tagħha u kooperazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet Brittaniċi u Franċiżi biex jinfurzawhom. Sabiex tipprevedi għal tali ambjent, f'Marzu 2023 Franza talbet mandat biex tkun tista' tinnegozja u tikkonkludi Ftehim internazzjonali mar-Renju Unit dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal.

Il-Ftehim għandu jiżgura s-supremazija tad-dritt tal-UE u l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-parti Franċiża tal-mina u l-possibbiltà tal-emendi meħtieġa f'każ ta' bidliet futuri fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tad-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798. Fir-rigward tal-parti tal-Kanal li tappartjeni għar-Renju Unit, il-ftehim għandu jiżgura l-koerenza tar-rekwiżiti tas-sikurezza u l-interoperabbiltà.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta attwali lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) fil-Parlament Ewropew matul il-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Lulju 2023. Abbażi ta' din il-preżentazzjoni u b'segwitu għad-deċiżjoni tal-koordinaturi tal-Kumitat TRAN tas-27 ta' Ġunju li jinkarigawni, bħala r-Rapporteur permanenti tal-Kumitat TRAN għar-relazzjonijiet mar-Renju Unit, nabbozza dan ir-rapport, nipproponi li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi approvata bl-emendi li ġejjin, f'konformità mal-proċedura simplifikata (l-Artikolu 52 (2) tar-Regoli ta' Proċedura).

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

24.1.2024

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET LEGALI DWAR IL-BAŻI ĠURIDIKA

Is-Sinjura Karima Delli
President
Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lir-Repubblika Franċiża biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi Ftehim internazzjonali dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal (COM(2023)0328 – C9-0205/2023 – 2023/0192(COD))

Sinjura President,

Bl-ittra tat-13 ta' Diċembru 2023[1], inti kkonsultajt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), skont l-Artikolu 40(2) tar-Regoli ta' Proċedura, biex jipprovdi opinjoni dwar ix-xerqien tal-bażi ġuridika emendata tal-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni li tagħti s-setgħa lir-Repubblika Franċiża biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi Ftehim internazzjonali dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni proposta").

Il-Kumitat JURI eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2024.

### I - Sfond

Il-koordinaturi tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) iddeċidew li jittrattaw id-Deċiżjoni proposta taħt proċedura simplifikata b'emendi skont l-Artikolu 52 (2) tar-Regoli ta' Proċedura u inkarigaw lir-Rapporteur Permanenti tal-Kumitat TRAN għar-relazzjonijiet mar-Renju Unit biex jabbozza r-rapport.

Il-Kummissjoni bbażat id-Deċiżjoni proposta fuq l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Wara li l-Kunsill indika li biħsiebu jħassar ir-referenza għall-Artikolu 2(1) TFUE bħala l-bażi ġuridika, bil-ġustifikazzjoni li mhijiex bażi ġuridika xierqa mil-lat tekniku, ir-Rapporteur permanenti tal-Kumitat TRAN qabel ma' dik il-pożizzjoni u ppropona li jagħmel l-istess.

Il-Kumitat TRAN għalhekk talab lill-Kumitat JURI jivvaluta x-xerqien tal-bażi ġuridika, b'mod partikolari t-tħassir tar-referenza għall-Artikolu 2(1) tat-TFUE, skont l-Artikolu 40 (2)

[1] D(2023)42171.

tar-Regoli ta' Proċedura.

**II - L-Artikoli rilevanti tat-Trattat**

It-Titolu I tal-ewwel Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar "Kategoriji u oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni" jgħid, *inter alia*:

*Artikolu 2*

*1. Meta t-Trattati jagħtu kompetenza esklużiva lill-Unjoni f'qasam speċifiku, l-Unjoni biss tista' tilleġiżla u tadotta atti legalment vinkolanti, u l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu dan biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni jew sabiex jimplimentaw l-atti tal-Unjoni.*

*2. [...]*

It-Titolu VI tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar "Trasport" jgħid, *inter alia*:

*Artikolu 91*
*(ex Artikolu 71 tat-TKE)*

*1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 90, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi partikolari tat-trasport, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u mal-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jistabbilixxu:*

*(a) regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;*

*(b) il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport f'xi Stat Membru;*

*(c) miżuri li jtejbu s-sigurtà fit-trasport;*

*(d) provvedimenti oħra xierqa.*

*2. Fl-adozzjoni tal-miżuri previsti fil-paragrafu 1, għandu jittieħed kont tal-każijiet fejn l-applikazzjoni tagħhom taf tolqot b'mod gravi l-livell tal-għajxien u l-impjieg f'ċerti reġjuni, kif ukoll it-tħaddim tat-tagħmir tat-trasport.*

**III – Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment ikkunsidrat il-kwistjoni tal-bażi ġuridika xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni[2].

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-

[2] Opinjoni 2/00 ("Protokoll ta' Cartagena"), ECLI:EU:C:2001:664, punt 5.

konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv segwit, iżda trid tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura[3]. Id-determinazzjoni tal-bażi ġuridika ta' att għandha ssir fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tiegħu stess[4].

Jekk l-eżami ta' att juri li dan għandu skop doppju jew li għandu komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, dik il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-iskop jew il-komponent prinċipali jew predominanti[5]. F'każ eċċezzjonali biss, jekk ikun stabbilit li l-att isegwi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, marbutin b'mod li ma jistgħux jinfirdu, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti[6]. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Parlament Ewropew u ma jdgħajfuhx[7].

**<u>IV – L-għan u l-kontenut tad-Deċiżjoni proposta</u>**

Il-Kollegament Fiss tal-Kanal huwa kollegament ferrovjarju uniku li jinvolvi struttura ta' inġinerija waħdanija u kumplessa li tinsab parzjalment fit-territorju ta' Franza u parzjalment f'pajjiż terz, jiġifieri r-Renju Unit. Biex jiġi żgurat it-tħaddim sikur u effiċjenti tal-Kollegament Fiss tal-Kanal, f' Marzu 2023, Franza talbet li tingħata s-setgħa li tinnegozja u tikkonkludi Ftehim internazzjonali dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal mar-Renju Unit. Id-Deċiżjoni proposta tagħti dik is-setgħa.

Il-Ftehim internazzjonali jittrasponi parzjalment il-pilastru tekniku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju għall-parti tal-Kollegament Fiss tal-Kanal taħt il-ġuriżdizzjoni Franċiża[8]. Il-Ftehim jenħtieġ li jiżgura li l-parti tal-Kollegament Fiss tal-Kanal li taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni Franċiża tkun irregolata mid-dritt tal-Unjoni, bil-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tinterpreta dak id-dritt. Fir-rigward tal-parti tal-Kollegament Fiss tal-Kanal li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tar-Renju Unit, il-Ftehim jenħtieġ li jiżgura l-koerenza tar-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà, u b'hekk jikkontribwixxi għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal.

Dawn l-għanijiet huma riflessi fid-dispożizzjonijiet promulgatorji tad-Deċiżjoni proposta, li

---

[3] Il-Kawża C-300/89, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* ("Dijossidu tat-titanju"), ECLI:EU:C:2006:244, punt 10, Kawża C-411/06, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, ECLI:EU:C:2009:518, punt 45.

[4] Il-Kawża C-187/93, *Il-Parlament vs Il-Kunsill,* ECLI:EU:C:1994:265, punt 28. Ara wkoll il-Kawża C-411/06, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill* ("Vjaġġi ta' skart"), ECLI:EU:C:2009:518, punt 77 u l-Kawża C-81/13, *Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2014:2449, punt 36.

[5] Ibid. il-paragrafu 30 u l-Kawża C-137/12, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2013:675, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[6] Il-Kawża C-300/89, punti 13 u 17; il-Kawża C-42/97, Il-Parlament vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:1999:81, punt 38; l-Opinjoni 2/00, punt 23; il-Kawża C-94/03, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam"), ECLI:EU:C:2006:2 u l-Kawża C-178/03, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u L-Kunsill, ECLI:EU:C:2006:4, punti 36 u 43.

[7] il-Kawża C-300/89, punti 17-25; il-Kawża C-268/94 *Il-Portugall vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1996:461.

[8] id-Direttivi (UE) 2016/797, u (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

fihom is-setgħa konkreta mogħtija lil Franza biex tinnegozja u tikkonkludi l-Ftehim (l-Artikolu 1), sensiela ta' kundizzjonijiet li l-Ftehim irid jikkonforma magħhom (l-Artikolu 2), u dispożizzjoni li l-Kummissjoni trid tiddeċiedi jekk l-abbozz ta' ftehim jikkonformax ma' dawk il-kundizzjonijiet (l-Artikolu 3). Fl-aħħar nett, id-Deċiżjoni proposta tagħti s-setgħa lil Franza biex temenda l-Ftehim, f'konformità ma' mekkaniżmu li jrid jiġi stabbilit fih, sabiex tadattah għal bidliet futuri fid-dritt tal-Unjoni (l-Artikolu 5).

**V – Analiżi**

Il-Kummissjoni tispjega fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha li l-Ftehim għandu jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni: "Ftehim internazzjonali ma' pajjiż terz dwar is-sikurezza ferrovjarja u l-interoperabilità ferrovjarja f'sitwazzjonijiet transfruntieri x'aktarx li jaffettwa qasam li fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa kopert mid-dritt tal-Unjoni [...]. *Għalhekk, kwalunkwe Ftehim bħal dan jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni*". Tirreferi wkoll għall-Artikolu 2(1) li f'konformità miegħu "*L-Istati Membri jistgħu jinnegozjaw u jikkonkludu tali Ftehim biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex jagħmlu dan*". Il-Kummissjoni tkompli billi tgħid li "*Peress li l-Ftehim jikkonċerna oqsma koperti mid-dritt eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport, jeħtieġ li t-tali setgħa tingħata mil-leġiżlatur tal-Unjoni, f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva msemmija fl-Artikolu 91 tat-TFUE.*" Taħt it-titolu "Bażi ġuridika" tal-memorandum ta' spjegazzjoni, il-Kummissjoni sempliċiment tiddikjara li "*L-Artikoli 2(1) u 91 tat-TFUE huma l-bażi ġuridika għal din il-proposta.*"

(a) <u>Ix-xerqien tal-Artikolu 91 tat-TFUE</u>

L-Artikolu 91 TFUE jipprevedi bażijiet ġuridiċi fil-qasam tal-politika tat-trasport għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-passaġġi fuq l-ilma interni. Il-Ftehim inkwistjoni jikkonċerna oqsma koperti mill-acquis eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport. Fid-dawl tal-għan u l-kontenut tad-Deċiżjoni proposta, huwa ċar li l-proposta hija marbuta mal-funzjonament tas-suq intern fis-settur tat-trasport. Għalhekk, l-Artikolu 91 tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika xierqa għall-proposta.

(b) <u>L-ebda possibilità li jiżdied l-Artikolu 2(1) TFUE bħala bażi ġuridika</u>

Għad-differenza tal-Artikolu 91 TFUE, l-Artikolu 2(1) TFUE ma jikkostitwix bażi ġuridika. Fil-fatt, dik id-dispożizzjoni ma tagħti l-ebda kompetenza lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni biex jadottaw att tal-Unjoni legalment vinkolanti, u lanqas ma tinkludi, jew tirreferi għal, xi proċedura għal dak l-għan. Għalhekk, ma tistax tintuża bħala bażi ġuridika.

Il-premessa 5 tad-Deċiżjoni proposta tfakkar li l-Ftehim jaqa' taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. F'oqsma taħt tali kompetenza esklużiva, l-Istati Membri jistgħu jadottaw atti legalment vinkolanti biss jekk jingħataw is-setgħa mill-Unjoni, kif previst fl-Artikolu 2(1) TFUE. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Artikolu 2(1) TFUE jeħtieġ li jiżdied bħala bażi ġuridika għall-att attwali tal-għoti tas-setgħa. F'dan il-każ, tali setgħa tingħata permezz tal-att leġiżlattiv adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja f'konformità mal-Artikolu 91 TFUE.

Fl-2020, Franza ngħatat is-setgħa bl-istess mod bid-Deċiżjoni (UE) 2020/1531[9] biex

---

[9] Id-Deċiżjoni (UE) 2020/1531 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2020 li

tinnegozja Ftehim mar-Renju Unit li kien jiżgura l-applikazzjoni unifikata u dinamika tad-dritt tal-Unjoni fuq il-Kollegament Fiss tal-Kanal kollu. Jenħtieġ li jiġi mfakkar li dik id-Deċiżjoni kienet ukoll ibbażata biss fuq l-Artikolu 91 TFUE wara valutazzjoni simili tal-adegwatezza tal-bażi ġuridika.

Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li hemm ukoll awtorizzazzjonijiet simili oħra li jagħtu s-setgħa lil Stat Membru biex jinnegozja ftehimiet ma' pajjiż terz f'qasam ta' kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni[10], li fih l-Artikolu 2(1) tat-TFUE ma jidhirx bħala l-bażi ġuridika għall-att propost.

**<u>VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni</u>**

Matul il-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Jannar 2024 il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għaldaqstant iddeċieda b'unanimità[11], li jikkonferma lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu li l-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lir-Repubblika Franċiża biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi Ftehim internazzjonali dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal tista' b'mod korrett tiġi bbażata fuq l-Artikolu 91 tat-TFUE waħdu.

Dejjem tiegħek,

Adrián Vázquez Lázara

---

tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali li jissupplimenta t-Trattat bejn Franza u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-Bini u t-Tħaddim minn Konċessjonarji Privati ta' Channel Fixed Link (ĠU L 352, 22.10.2020, p. 4).

[10] L-eżempju l-aktar reċenti: Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali (COM(2023)0065 – 2023/0028(COD)).

[11] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President); Sergey Lagodinsky (Viċi President); Marion Walsmann (Viċi President); Raffaele Stancanelli (Viċi President); Pascal Arimont, Gunnar Beck; Benoît Biteau (għal Marie Toussaint skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura); Jorge Buxadé Villalba; Ilana Cicurel; Pascal Durand; Christian Ehler (għal Juan Ignacio Zoido Álvarez skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura); Ibán García Del Blanco; Virginie Joron; Pierre Karleskind; Gilles Lebreton; Angelika Niebler; Witold Pahl (għal Javier Zarzalejos skont l-Artikolu 209(7) tar-Regoli ta' Proċedura); Sabrina Pignedoli; Jiří Pospíšil; Franco Roberti; Nacho Sánchez Amor; Jana Toom; Axel Voss; Tiemo Wölken.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-għoti tas-setgħa lir-Repubblika Franċiża biex tinnegozja, tiffirma u tikkonkludi ftehim internazzjonali dwar ir-rekwiżiti għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fil-Kollegament Fiss tal-Kanal |
| **Referenzi** | COM(2023)0328 – C9-0205/2023 – 2023/0192(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 20.6.2023 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>10.7.2023 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Petar Vitanov<br>27.6.2023 |
| **Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni** | 27.6.2023 |
| **Bażi ġuridika kkontestata**<br>Data tal-opinjoni tal-Kumitat JURI | JURI<br>24.1.2024 |
| **Eżami fil-kumitat** | 19.7.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 8.1.2024 |
| **Data tat-tressiq** | 30.1.2024 |